MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Numru. 495/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**

**VS**

**GERGIS NADI SAAD FADIL**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gergis Nadi Saad Fadil, detentur tan-numru tal-pulizija tal-immigrazzjoni 05KK-022.

**Akkuzat talli:**

Fl-1 ta` Ottubru 2005 kif ukoll fix-xhur ta qabel u ta` wara f'Safi, Malta, ikkommetta harba minn post ta` kustodja pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 151 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza;

Il-Qorti wara lli semghet il-partijiet u wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tikkundannah sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------